# Il-ftuħ tal-istaġun tal-insib hu mossa ddisprata u ta' sfida mill-Prim Ministru Robert Abela

BirdLife Malta kitbet lill-Kummissarju tal-UE Virginijus Sinkevičius dwar il-mossa ddisprata u ta' sfida min-naħa tal-Prim Ministru Robert Abela f'isem il-Gvern ta' Malta biex jerġa' jiftaħ l-istaġun tal-insib minkejja li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ) ħadet passi kontra l-ftuħ tal-istaġuni tal-insib bejn l-2014 u l-2017 (sentenza mogħtija fil-21 ta' Ġunju 2018).

**"Dħalna f'era mudlama għall-ambjent f'Malta."**

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: "Dan hu attentat iddisprat biex il-Gvern ibaxxi rasu għal lobby żgħir voċiferu li qed jitħalla jonsob għal seba' speċi ta' għasafar tal-għana taħt il-premessa ta' proġett ta' riċerka. Kulħadd jaf li l-maġġoranza assoluta tan-nassaba se jżommu l-għasafar li jaqbdu għax jafu li m'hemm l-ebda sorveljanza jew infurzar. L-istaġun tal-insib, taħt l-iskuża ta' riċerka, mhu xejn ħlief daħka fil-wiċċ. Minbarra f'dan, hu fatt magħruf li n-numri ta' għasafar ikkaċċjati jew minsuba li jiġu rrappurtati mill-kaċċaturi u n-nassaba Maltin matul is-snin hu ferm inqas min-numri maqbuda."

**"... kulħadd jaf li l-maġġoranza assoluta tan-nassaba se jżommu l-għasafar li jaqbdu għax jafu li m'hemm l-ebda sorveljanza jew infurzar. L-istaġun tal-insib, taħt l-iskuża ta' riċerka, mhu xejn ħlief daħka fil-wiċċ."**

Il-Gvern jidher li hu kommess li jieħu lil Malta lura fejn għandu x'jaqsam mal-ħarsien tan-natura. Dħalna f'era mudlama għall-ambjent f'Malta.

Il-ġimgħa l-oħra 12-il Ajkla Bajda tniżżlu b'tiri tal-kaċċa f'Malta, żewġ Fjamingi litteralment inħatfu minn ġo riserva naturali, u biex tkompli tgħaxxaqha l-Prim Ministru ta' Malta għadda l-ikbar żewġ imsaġar f'Malta (il-Miżieb u l-Aħrax) lill-kaċċaturi u n-nassaba.

BirdLife Malta hija determinata li tiġġieled dawn l-aħħar deċiżjonijiet fil-Qorti u twiegħed li se tagħmel minn kollox biex teżawrixxi l-mezzi legali kollha possibbli kontra din id-deċiżjoni.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org